# Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Diċembru 2010 — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli vs UASI (Forma ta' ċerva taċ-ċikkulata)

**(Kawża T-337/08)**

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' ċerva taċ-ċikkulata — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)"

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv — Trade mark tridimensjonali (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 24, 41, 42, 46-48)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Gunju 2008 (Każ R 780/2005-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' ċerva taċ-ċikkulata bħala trade mark Komunitarja.

## Informazzjoni dwar il-kawża

| | |
|---|---|
| Applikant għat-trade mark Komunitarja: | Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG |
| Trade mark Komunitarja kkonċernata: | Trade mark tridimensjonali, li tirrappreżenta ċerva taċ-ċikkulata, għal prodotti tal-klassi 30 — Applikazzjoni Nru 4098489 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-eżaminatur: | Reġistrazzjoni rrifjutata |
| Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: | Appell miċħud |

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Diċembru 2010 — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli vs UASI (Forma ta' qanpiena b'żigarella ħamra)**

**(Kawża T-346/08)**

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' qanpiena b'żigarella ħamra — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)"

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv — Trade mark tridimensjonali (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 25, 36, 40)*